MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Numru 627/1998

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)**

**vs**

**Emanuel Magri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Emanuel Magri ta’ 34 sena bin Nazzareno u Rosina nee’ Mifsud imwieled Qormi detentur ta’ karta ta’ identita numru 192963(m) akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann

jew billi wera haga b'ohra sabiex igighel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex inqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn Lm1000 ghad-dannu ta' France Fenech u persuni ohra; dan ir-reat sar bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. hu recidiv b'sentenzi l-Qorti tal-Magistrati datati 3 ta' Ottubru 1990 u 26 ta' Ottubru 1992, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-akkuzi jittrattaw it-truffa, oltre r-recidiva.

Illi l-fatti 'ut sic' li taw origini ghall-akkuza mhumiex kontestati u jirrizultaw sodisfacjentement mill-provi prodotti. Di fatti c-cekk, il-baz tal-akkuza (esebit folio 35 fl-original), jirrizulta wisq car li gie disonorat mill-bank bir-rimarka "refer to drawer". L-ammont tieghu kien ta' Lm1,100 u kien jirraprezenta prezz ta' bhejjem mixtrija mill-imputat minghand l-istess kwerelant.

Mill-provi, fir-rigward ic-cekk, u li jirrizultaw sodisfacjentement pruvati mix-xhieda u l-prospetti bankarji tal-kont bankarju relattiv, juru:

- li c-cekk kien jirrapprezenta bilanc ta' negozju li kien sar cirka erba' snin qabel is-7 ta' Jannar, 1999, u l-konsenja tal-majjali, oggett tan-negozju saret qabel li l-kwerelant kien accetta u irceva dan ic-cekk;

- li l-kont bankarju in kwistjoni kien ta' tip 'overdraft' numru 1820467901-2, izda l-ammont li l-imputat seta' jissufruwixxi mill-kont ma rrizultax;

- li c-cekk inhareg fl-14 ta' Jannar 1995 meta l-'overdraft' kien fl-ammont ta' Lm5,616.45 u appena gurnata qabel ma kien prezentat ghall-hlas l-imputat kien ghamel depozitu ta' Lm1,400 biex il-passiv nizel ghal Lm4,216.45. Madanakollu l-Bank deherlu li ma kellux jonora c-cekk;

- li mill-prospett tal-kont jirrizulta li l-bank onora cekkijiet anka meta l-passiv fuq il-kont kien ta' Lm5,581.

Ikkunsidrat:

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat semma incident fejn terza persuna sarfet ammont f'cekkijiet minn dan il-kont bankarju tal-imputat fl-ammont ta' Lm2,300, ad insaputa tieghu. Dan il-fatt ma jirrizultax mill-prospett madanakollu l-qorti ftit tahseb li ghandu rilevanza. Kuntrarjament, pero, dak li din il-qorti jidrilha li huwa ta' importanza krucjali hu jekk l-imputat meta hareg ic-cekk ikkrejax dawk l-artifizji jew raggiri li effettivament ingannaw lill-kwerelant u rrekawlu telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-imputat.

Ezaminat kollox il-qorti kkonkludiet li dan mhux il-kaz u ghalhekk jonqos element essenzjali, dak tas-scienter, li huwa sine qua non fir-reat tat-truffa; lanqas fil-fehma taghha ma jirrizulta dak ir-reat minuri u nvolut tal-qerq innominat.

Li l-kwerelant ghandu jiehu minghand l-imputat mhuwiex eskluz izda din hi kwistjoni civili li tezorbita l-kompetenza ta' din il-qorti.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq esposti, billi l-akkuzi kontra l-imputat ma jreggux, tilliberah mill-akkuzi kollha kontrih dedotti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------